**22 ta' Ottubru, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Teodora Desira pro et noe.

*versus*

Avukat Dottor Albert Camilleri et noe.

**Alimenti — "Maintenance Order" — "Litis pendentiae" — Art. 795 u 796, Kodiċi tal-Proċedura Civili.**

***Sabiex ikun hemm** lok għall-eċċezzjoni tal-"litis pendentiae" **hemm bżonn,** barra mir-rekwiżiti tar-"res judicata". (1) **illi jkun hemm** kawża diġà kkontestata jew almenu intimata u **illi għadha** mhix terminata quddiem l-istess tribunal jew*

*quddiem tribunal iehor, u (2) illi dina l-kawża l-oħra tkun ġiet introdotta qabel dik illi fiha tiġi sollevata l-eċċezzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' uliedha minuri Salvino, Giuseppa, u Emanuele aħwa Desira, ammessa għall-benefiċċju tal-patroċinju gratwit b'digriet tal-31 ta' Jannar, 1963; wara li ippermettiet li Lorenzo Desira, żewġha u missier l-imsemmija tfal minuri, jinsab l-Awstralja u ilu xi sena u nofs ma jibgħat alimenti lilha u lil uliedu, — talbet li l-konvenuti nomine jiġu ikkundannati iħallsu lill-attriċi għaliha u għal uliedha minuri, Salvino. Giuseppe, Giovanni u Emanuele aħwa Desira, pensjoni alimentari ta' dak l-ammont u li titħallas b'dawk ir-rati u f'dak iż-żmien u lok li jiġu iffissati minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat tas-sekwestru tal-31 ta' Jannar, 1963, u tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 1963.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Albert Camilleri u l-Prokuratur Legali Joseph Galea kuraturi nominati biex jirrappreżentaw lill-imsemmi Lorenzo Desira (Digriet tal-31 ta' Jannar, 1963) li biha huma qalu illi mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk irrimettew ruħhom għall-provi u għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, salv l-eċċezzjonijiet sollevabbli fi stadju ulterjuri;

Rat ir-rikors u digriet a fol. 9 tal-proċess li bih l-imsemmija kuraturi ġew maħruġa barra mill-kawża fuq talba tal-Avukat Dottor Vincent Scerri fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' Lorenzo Desira;

Omissis.

Rat a fol. 14 in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Dottor Scerri nomine li biha eċċepixxa li -ddomanda għandha tiġi miċħuda għax l-attriċi irrendiet ruħha ħatja ta' abbandun, billi ma

marritx tgħix ma żewġha kif kienet ftehmet miegħu minn qabel ma siefer, u ta' inġurja gravi, u (2) li l-konvenut huwa lest biex jilqa' l-uliedu f'daru l-Awstralja u jikkolokahom f'kulleġġ, u (3) li fi kwalunkwe każ il-kawża hija vessatorja għaliex quddiem din il-Qorti għad hemm pendenti rikors tal-attriċi taħt il-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) ordinance li jirrigwarda l-istess meritu. B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni sollevata fit-tielet lok mill-konvenut Dr Scerri noe. tammonta għall-eċċezzjoni tal-"litis pendentia";

Illi huwa desiderabili u spedjenti, meta din l-eċċezzjoni tiġi sollevata, li hija tiġi deċiża qabel aspetti oħra, u dana biex jiġi raġġunt l-iskop tagħha, ċioè r-risparmju ta' spejjeż u imbarazzi inutili, u fuq kollox biex tiġi mneħħija l-possibilità ta' żewġ sentenzi opposti jew differenti fuq l-istess kontroversja;

Illi mill-eżami tal-atti tar-rikors li għalih il-partijiet itnejn għamlu riferenza, li jġib l-ismijiet Teodora Desira u Lorenzo Desira (Nru. 14/62F), jirriżulta li dawk il-proċeduri huma intisi preċiżament biex il-konvenut f'dik il-kawża, rappreżentat f'din il-kawża mill-mandatarju speċjali tiegħu Dr. Scerri, jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja għaliha u għal erba' wliedha msemmija fiċ-ċitazzjoni odjerna, kompriż dak Salvino li l-attriċi, permezz tad-difensur tagħha, issa iddikjarat li m'għandiex tinsisti għall-alimenti tiegħu. Għalhekk fiż-żewġ kawżi il-partijiet huma l-istess (għal dan, kif ġie deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti pubblikata fil-Koll. Vol. XXIX, ii, p. 510, ma jagħmilx differenza il-fatt li f'din il-kawża il-konvenut huwa rappreżentat minn mandatarju), l-

istess huwa l-oġġett (l-alimenti) u identika hija il-**causa petendi** jew **fundamentum actionis**, ċioè l-obbligu tal-alimenti favur il-mara u l-ulied li ġej mill-vinkolu matrimonjali, mill-*liġi u minn natura, u li l-attriċi, fiż-żewġ każi, tippretendi* li żewġha qiegħed jikser.

Illi minn dan isegwi li huma sodisfaċentement pruvati mill-konvenut nomine l-elementi tal-**exceptio rei judicatae** li huma bħala regola rigorosament rikjesti mill-ġurisprudenza għal **exceptio litis pendentiae** (Koll. Vol. VIII, p. 695; Vol. XI, *p. 200; Vol. XXIV, ii, 183; Vol. XXIX, ii, 510 fuq ċitata u* Vol. XXXIV, i, 358) għalkemm ġie wkoll deċiż fuq l-opinjoni awtorevoli tal-Mortara, li huwa biżżejjed li l-fini tal-istanza dupliċi jkun uniku u m'hemmx bżonn li l-estremi tar-res judicata jikkonkorru integralment u rigorosament (Vol. XXV, ii, 723).

Illi, kif ġie ritenut ukoll fil-ġurisprudenza fuq ċitata, biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni tal-**litis pendentiae** hemm bżonn, barra mir-rekwiżiti tar-**res judicata**, (1) li jkun hemm kawża diġà kkontestata jew almenu intimata u li għadha mhijiex terminata quddiem l-istess tribunal jew quddiem tribunal ieħor, u (2) li dina l-kawża l-oħra tkun ġiet introdotta qabel dik li fiha tiġi sollevata l-eċċezzjoni. Ma hemmx għalfejn wieħed jgħid li l-ewwel kawża ma tridx tkun ġià deċiża b'sentenza finali għax inkellha ma jkunx hemm lok għall-eċċezzjoni tal-**litis pendentia** imma għal dik tar-**res judicata.** Dan ir-riliev jimmerita ċerta konsiderazzjoni f'dan il-każ minħabba n-natura speċjali tal-proċediment taħt il-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance, 1921 (Kap. 76) u l-istadju partikolari li tinsab fih il-kawża preċedenti intentata mill-attriċi kontra żewġha taħt dik l-Ordinanza.

Illi l-proċediment taħt l-Ordinanza fuq imsemmija, kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza "Il-Qorti vs.

Carmelo Formosa et" (18 ta' Jannar, 1957) huwa verament uniku; jibda f'pajjiż u jispiċċa f'ieħor; il-parti li tibda l-kawża tkun preżenti fil-Qorti ta' l-ewwel pajjiż u assenti f'dik tat-tieni pajjiż, mentri il-parti konvenuta tkun fl-invers, il-Qorti tal-ewwel pajjiż, f'dan il-każ il-Qorti ta' Malta) tagħti sentenza li però ma ssirx definitiva ħlief meta tiġi konfermata mill-Qorti tat-tieni pajjiż (f'dan il-każ il-Qorti kompetenti ta' New South Wales). B'dan kollu dawk il-proċedimenti, għal dak li jirrigwarda n-natura proċedurali tagħhom, dejjem jikkostitwixxu kawża inizjata u l-pożizzjoni tal-partijiet tibqa' dejjem dik ta' parti in kawża għalkemm r-rikorrenti (l-attriċi fil-kawża odjerna) tkun materjalment assenti fil-proċediment speċjali l jsir fl-Awstralja u żewġha (konvenut fil-kawża odjerna) kien materjalment assenti fl-ewwel stadju li svolġa ruħu f'Malta Għalhekk il-Qorti ma tarax diffikoltà fuq daqshekk.

Illi kieku r-rikors fuq imsemmi, li fuqu fit-12 ta' Ottubru, 1962 ingħatat deċiżjoni provvisorja favorevoli għall-attriċi pro et noe minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sens li l-konvenut għandu iħallas l-alimenti ta' £3 fil-ġimgħa għall-attriċi proprio u £1 fil-ġimgħa kull wieħed għat-tfal minuri komuni hemm imsemmija, laħaq ġie definitivament deċiż mill-Qorti Awstraljana allura, kif intqal fuq, ma kienx ikun hemm lok għall-eċċezzjoni tal-**litis pendentia**, li tolqot il-proċediment, imma għal dik tar-res judicata, li tolqot l-azzjoni. Iżda kif jirriżulta mill-proċess ta' dik il-kawża, li għalih il-partijiet għamlu riferenza, il-Qorti Awstraljana mhux biss għadha ma ddeċiditx definitivament imma anzi, wara li semgħet ix-xhieda tal-konvenut, batgħet lura l-atti lil din il-Qorti biex jinġabru xi provi ulterjuri, u minħabba l-ostakolu li l-Imħallef li kien qiegħed jisma dik il-kawża ġie elevat għall-Qorti tal-Appell u għadu ma ġiex sostitwit u li l-partijiet lanqas ma ħadu l-interess li jitolbu r-rikjam tal-kawża quddiem xi imħallef ieħor ta' din l-istess Qorti, dawk il-provi għadhom ma nġabrux u għalhekk fil-preżent il-kawża l-oħra, għalkemm provviżorja-

ment deċiża, għadha materjalment pendenti quddiem din l-istess Qorti fejn kienet oriġinarjament introdotta.

Illi għalhekk il-konvenut nomine ipprova l-assunt tiegħu tal-pendenza tal-kawża oħra bejn l-istess partijiet, fuq l-istess ħaġa u fuq l-istess kawżali.

Illi però l-Qorti ma tistax tagħti l-provvediment kontemplat fl-art. 795 Kodiċi Proċedura Ċivili għax iż-żewġ kawżi ġew introdotti quddiem l-istess Qorti mentri dak l-artikolu jirrikjedi li t-tieni kawża tkun bdiet quddiem Qorti differenti. (Vol. XXIX, ii, 510 u sentenzi oħrajn fuq ċitati). Lanqas ma tista' tiġi ordnata, taħt l-art. 796, it-trattazzjoni kontestwali minħabba konnessità, għalkemm din teżisti dejjem fuq il-bażi li "il più comprende il meno", għaliex il-kawża l-oħra trid tiġi eventwalment trattata l-Awstralja.

Illi b'dana kollu hemm dejjem bżonn ta' provvediment biex jiġu evitati spejjeż u diskussjonijiet superfluwi u deċiżjonijiet li jistgħu jkunu konfliġġenti.

Illi kif huwa kostanti t-tagħlim tal-ġurisprudenza r-regola preskritta fl-art. 795, tar-rinviju quddiem it-tribunal adit l-ewwel, bħal dik tal-art. 796 ma hiex regola inderogabili li teskludi rimedji oħrajn li jidhru opportuni u prattiċi fil-prudenti arbitriju tal-Imħallef (Rizzo vs. Scicluna Vol. V, p. 156; Laferla vs. Grixti Vol. XIII p. 695; Merewether vs. Sharp Prim'Awla 27.5.1913, mhiex pubblikata; Baronessa Trapani vs. Nobbile Chierico Ignazio Galea Vol. XXIV, ii, 183; Howard vs. Bellini, Vol. XXV, ii 723; Bonnici vs. Dr. Pullicino et, Vol. XXIX, ii, 510 ġià fuq ċitata; Jeffrey vs. Stellini, Vol. XXXIV, i, 358, riferibilment għal dik il-parti fejn il-Qorti tal-Kummerċ kienet iddekretat is-soprasessjoni u li ma ġietx kritikata mill-Qorti tal-Appell li ċ-ċensurat però l-fatt li l-ewwel Qorti wara li r-rikonoxxiet l-ostakolu in segwitu rrijappuntat

il-kawża u iddeċeditha hi stess). Mir rimedji eskoġitati f'dawn il-kawżi kollha dik li l-Qorti jidhrilha li għal issa huma l-iżjed prudenti u opportun f'dan il-każ huwa dak tas-soprasessjoni, speċjalment la l-attriċi ma dehrilhiex li għandha iċċedi r-rikors għall-alimenti, ħaġa li għaliha l-Qorti ma tistax ċertament tik-kostrinġiha.

Għal dawn ir-raġunijiet u peress li bejn il-kawża l-oħra fuq imsemmija u din il-kawża hemm rapporti ta' **litis pendentia**, il-Qorti tiddekreta s-soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm jiġi mogħti ġudikat definitiv fuq il-kawża l-oħra jew tiġi ċeduta. Din il-kawża tibqa' għaldaqstant differita "sine die" riappunta — billi b'rikors mill-parti waħda jew l-oħra mailli jkun hemm dak il-ġudikat jew ċessjoni.

L-ispejjeż ta' din il-pronunċja huma riservati għad-deċiżjoni finali.